TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 333/10

**Mary Gauci**

**vs**

**Levis**

Illum 28 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-7 ta' Settembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tnejn u sittin ewro (€62), rappreżentanti prezz ta' *slipper tal-Levis* illi fi żmien erba' (4) xhur beda jinqalgħalu l-qiegħ u jinbarax.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat slipper tad-ditta Levis li wara erba' (4) xhur beda jinqalgħalu l-qiegħ u jinbarax, minkejja li kien jilbsu biss fil-weekend.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi ż-żarbun imsemmi ġie ntużat frekwenti u b'mod eċċessiv, u anke li nħasel bl-ilma meta dan it-tip ta' żarbun suppost intmesaħ biss.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, ukoll spezzjona dan iż-żarbun, fejn jinnota illi ż-żarbun kien ġie maħsul.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888